**Imħallfin:**

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., ***President;***
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D., C.B.E.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Edgar Baldacchino et**

***versus***

**Onor. Dr. Tommaso Caruana Demajo, LL.D., ne.**

**Appell lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat — Importazzjoni — Kwistjoni ta' Importanza Publika Jew Generali — "Cinematograph Films (Prohibition of Importation) Regulations, 1954" — Order in Council tat-22 ta' Novembru 1909, Sect. 2 (b) — Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 67 ta' l-1954.**

*Sabiex il-Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha biex takkorda jew titħad il-permess għall-appell minn sentenza tagħha lill-Kumitat Gudizzjarju tal-Maestà Tagħha r-Reġina, fuq il-motiv ta' kwistjoni ta' importanza kbira ġenerali jew publika, jeħtieġ illi l-kwistjoni tkun ta' importanza talment kbira u eċċezzjonali li tiġġustifika lill-Qorti, wara li tqis speċjalment iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, teżerċita dik id-diskrezzjoni.*

*Fil-każ preżenti saret talba biex il-Gvern jappella lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat minn sentenza dwar il-projbizzjoni ta' l-importazzjoni f'dawn il-Gżejjer u tal-konsenja lill-importatur ta' pellikoli ċinematografiċi ta' oriġini sovjetika; u l-Qorti ċaħdet il-permess biex isir dak l-appell billi żammet illi fiċ-ċirkustanzi tal-każ ma kienetx tirrikorri dik l-importanza kbira ġenerali jew publika.*

Il-Qorti, — Rat il-petizzjoni tal-konvenuti nomine, li talbu li jiġi lilhom mogħti l-permess biex jappellaw quddiem il-Kumitat Gudizzjarju tal-Maestà Tagħha r-Reġina mis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fis-26 ta' Frar 1954, fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija, u talbu wkoll is-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi t-talba l-lum tinsab bażata fuq il-pont jekk il-kwistjoni li hemm appell fuqha hijiex waħda li, minħabba l-importanza kbira tagħha ġenerali jew publika, jew xort'oħra, jixraq li tiġi mressqa għad-deċiżjoni tal-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill (sec. 2 (b) ta' l-Order in Council tat-22 ta' Novembru 1909, kif emendat bl-Order in Council tal-5 ta' Novembru 1948);

Illi, dwar dan il-pont, din il-Qorti għamlet dawn ir-riflessjonijiet :—

1. Din il-kawża nqalgħet bħala effett ta' ċirkustanzi purament transitorji u passiġġieri, fis-sens illi, qabel ma ħarġet in-*Notifikazzjoni* tal-Gvern li *pprojbiet* l-importazzjoni ta' ċerti films, inzerta li kien hemm fil-veranda tal-Gvern films ta' dik ix-xorta ġa importati. Għalhekk ma jistgħux jinqalgħu każijiet simili dwar films, u f'dan is-sens id-deċiżjoni ma jistax ikollha riperkussjoni ulterjuri;

2. Hu veru li fid-deċiżjoni tagħha din il-Qorti, fil-motivazzjoni, daħlet fil-kwistjoni tal-poteri tal-Gvern in forza tal-"jus imperii", f'dik tar-retroattività, u f'dik tal-portata ġuridika tal-kelma "importazzjoni"; iżda peress li, kwantu għall-films, il-materja *hija ormaj* regolata b'liġi, dawn il-kwistonijiet, kwantu għall-films, ma jidherx li jistgħu jinqalgħu aktar, u kwantu għall-każijiet ipotetiċi ta' merkanzija oħra, isiru kwistjonijiet akkademiċi, ossija spekulativi; u ma jidherx li hija pratika tal-"Judicial Committee" "to debate or resolve academic questions", jew "to give opinion on speculative questions";

3. Fil-konsiderazzjoni u riżoluzzjoni tal-kwistjonijiet tal-"jus imperii" u tar-retroattività, din il-Qorti ma għamlitx *ħlief applikat prinċipji* li fid-dottrina u fil-ġurisprudenza huma ormaj "jus receptum", u ma għamlet ebda innovazzjoni;

4. Mhux korrett li jingħad li fil-kwistjoni tar-retroattività din il-Qorti varjat il-ġurisprudenza ta' qabel; għaliex din il-Qorti ma għamletx ħlief id-distinzjoni li għandha ssir bejn atti jiet "in corso" u attijiet "compiuti" — distinzjoni bl-ebda mod kontroversa fil-ġurisprudenza jew dottrina;

Ikkunsidrat;

Illi, sabiex din il-Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha in

bażi għall-paragrafu (b) tas-sezzjoni 2 ta' l-Order in Council fuq imsemmi, jeħtieġ illi l-kwistjoni tkun ta' importanza talment eċċezzjonali li tiġġustifika l-Qorti, wara li tqis speċjalment iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, li teżerċita dik id-diskrezzjoni (Appell "Huber ne. vs. Mattei", 22 ta' Frar 1915, Vol. XXII, parte I, paġina 229; u "Spiteri vs. Hili", 12 ta' April 1946, Vol. XXXIII, parte I, paġina 242). In vista tar-riflessjonijiet fuq miġjubin, din il-Qorti jidhrilha li l-każ mhux ta' importanza hekk eċċezzjonali li jimmerita l-eżerċizzju favorevoli tad-diskrezzjoni tagħha;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tiċħad l-imsemmija talba tal-konvenuti nomine, bl-ispejjiż kontra tagħhom.